KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 3 Tnejn 22 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Keith Cassar - Kunsillier

ASSENTI

MISTIEDNA
Daniel Galea (Accountant)

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda Baldacchino Zarb ippresediet l-laqgħa.

**3.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' Keith Cassar. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 2
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 2.

## 3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 3.3.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Triq Fabrizio Bartolo

Is-Sindku nfurmat li saret laqgħa pubblika fil-15 ta' Lulju 2019, u attendew kwazi ir-residenti kollha ta' din it-triq. Is-Sindku spjegat lir-residenti li fl-opinjoni tal-Kunsill din it-triq għanda tkun *one-way* miż-żewġ naħat *except for garage* users, u li ssir żona pedonali. Il-Kunsill semgħa l-kummenti tar-residenti u sar qbil bejn ir-residenti li ssir prova biex in-naħa tat-triq Tabib Chetcuti jkun hemm tabella *dead end,* issir *bollard* fl-idjaq parti tat-triq. Min-naħa l-oħra tat-triq li tagħti min Triq Speranza ħa tkun *one-way except for garage users and residents only* għal *loading/unloading.*

Is-Sindku nfurmat li din ħa ssir bi prova għal-xahrejn biex naraw jekk jkunx hemm abbużi, u nerġaw niltaqaw f'laqgħa pubblika oħra mar-residenti f'Settembru biex nieħdu l-kummenti tagħhom. Ir-residenti preżenti qablu bejniethom.

Fis-6:52pm wasal għal-laqgħa l-accountant s-Sur Galea.

Is-Sindku semmiet wkoll li kellha telefonata min-residenta, fejn spjegat li din hemm xi *parking space* quddiem id-dar tar-residenta, u din ma tkunx tista toħroġ mil-garaxx għax jkun hemm trakkijiet li jipparkjaw il-barra, u qed jkun hemm abbuzi ta' vetturi li jipparkjaw fuq *stop sign.* Is-Sindku nfurmat li ħa tressaq dan l-ilment wkoll biex naraw din il-kaxxa għandhiex tibqa hemm jew le. Il-Kunsillier Howard staqsa jekk din il-kaxxa sarietx bil-permess ta' Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekja jekk dan il-*parking space* sarx bil-permess ta' Transport Malta.

Fis-6:55pm saret sospensjoni tal-minuti biex tinqara l-*management letter* ta' l-awdituri, *item* 3.5.1.

### 3.3.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Ġieħ il-Mosta

Is-Sindku staqsiet lil membri jekk kellhomx ċans jduru r-regolamenti ta' Ġieħ il-Mosta, fejn xtaqet tisma l-kummenti tal-Kunsilliera. Qalet wkoll li sar distinzjoni bejn il-Mosta u l-Bidnija, fejn talbet il-kummenti tal-membri preżenti. Il-membri preżenti qablu li residenti tal-Bidnija għandhom jibqaw taħt il-kappa tal-Mosta, għax xorta fil-konfini tal-Mosta, u għalhekk għanda titneħħa ir-referenza Bidnija.

Is-Sindku qalet wkoll li ma tixtieqx li kull min japplika jieħu Ġieħ il-Mosta, għax kulħadd dara' li min applika ħa joħoda, għalhekk il-ġieħ jingħata għal-massimu ta' tlett persuni, li jkun skond il-popolazjoni. Għalhekk għal kul 7,000 resident jingħata ġieħ.

Is-Sindku nfurmat li ħa jkun hemm bord, liema bord jressaq is-suġġerimenti ta' min fl'opinjoni tal-bord għandu jieħu ġieħ jew rikkonoxximent, imbagħad jivvota l-Kunsill. Il-votazzjoni tkun 2/3rds tal-quorum preżenti waqt laqgħa tal-Kunsill, li huwa l-istess regolament tal-Parlament.

Il-membri preżenti qablu unanimament.

### 3.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Malta Pride Initiative

Is-Sindku nfurmat li għal-Malta Pride Initiative l-Kunsill ser jizboħ il-bankijiet ta' ġnien Reggie Cilia, peress li Transport Malta nfurmatna li zebra crossings li m'għandhomx *pelican lights* ma jistawx jsiru, għax bil-liġi jridu jkunu suwed u bojod.

### 3.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Provediment ta' Pulizija
Is-Sindku nfurmat li dħalna f'kollaborazzjoni għal s-servizz tal-Pulizija għal-għaqdiet għaż-żewġ soċjetajiet li jgħamlu l-programm muzikali.

Il-membri preżenti qablu li is-servizz għandu jkun mil-5:00 ta' filgħaxija, għal preparazjoni u armar qabel il-5:00 is-servizz tal-Pulizija jitħallas mis-soċjetajiet.

### 3.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku – C CARE Project: Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita'
Is-Sindku nfurmat li l-applikazzjoni daħħlet, u li l-kunsilliera Shirley Abela ħa tiprepara direttorju ta' *cat feeders* li hawn ġewwa l-Mosta.

### 3.3.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali: Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni
Is-Sindku nfurmat li applikajna għal-fondi ta' irrigazzjoni.

### 3.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Laqgħa Reġjun Tramuntana
Is-Sindku nfurmat lil Kunsillier Micallef, biex jibda jieħu ħsieb il Y-Engage Youth in Action.
Dan il-programm qed jiġi organizzat mir-Reġjun Tramuntana, fejn ħa jiġu organizzati korsijiet informattivi għal-żagħżagħ min l-eta' ta' 13 sa' 30 sena.

### 3.3.8 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Laqgħa mal-Pulizija
Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mas-Supretendent ta' l-għassa tal-Mosta, fejn ħa jibda jgħattina l-għajnuna tiegħi fi Triq Nicolo' Isouard, fejn diġa ħadu azzjoni fuq il-bejjiegħa tal-Monti li qed jipparkjaw fuq il-bankini, u jgħalqu l-aċċess lir-residenti.

### 3.3.9 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Sublease tat-Tarġa Battery
Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li għamlet *update* żgħir, fejn kellu jiżdied il-kliem li l-Kunsill jrid jinżamm infurmat. Il-membri preżenti qablu unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat l-*updated version* biex l-iscouts jiffinallizzawħ bil-firem, u jġiebu tlett kopji l-Kunsill, biex jiġu ffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku nfurmat wkoll li hemm xi applikazjoni mal-Planning Authority fuq sanctioning f'tat Tarġa Battery, dwar xi ħamrija. Is-Sindku talbet il-korrispondenza fuq din l-applikazzjoni.

### 3.3.10 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Fondi u Inizjattivi Kulturali
Is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew dan il-kors fejn tawna l-fondi biex nużawhom bħala *green community,* fejn fil-Blata l-Għolja qed jiġi propost *community gardening* fejn ħa jkun hemm siġar taċ-ċitru, taż-Żebbuġ, u *rosemary herbs* fejn ir-residenti jkunu jistaw jagħmlu użu mil-frott ta' dawn is-siġar u pjanti.
Nistaw wkoll nużaw l-fondi f'*tours* ta' kultura, u biex nipromwovu l-użu tar-rota.

### 3.3.11 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Triq Ġużeppi Hyzler
Is-Sindku nformat li rċeviet ilment fejn din it-triq qed jsiru ħafna inċidenti fiha, u r-residenta li kitbet talbet biex l-Kunsill jikkonsidra jieħu passi biex din it-triq tkun sigura. Is-Sindku talbet lil-Viċi biex naraw x'nistaw ngħamlu. Il-Viċi Sindku nforma li ra l-email, u ħa jmur fuq il-post.

3.3.12 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Triq Santa Margerita

Is-Sindku nfurmat li rċeviet ilment li min jkun ħiereġ mil-garaxx qed jsibu problema minħabba l-mod kif jduru l-vetturi minħabba li triq dejqa. Din it-triq bħalissa qegħda li tidħol min Santa Margerita u toħroġ min triq Palazz ta' Kaspru.
Il-Viċi Sindku nforma li ħa jmur fuq il-post biex jara x'jista jsir.

3.3.13 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Sistema ta' software

Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' kumpanija Imovo, li jofru software fejn ta' *customer care*, fejn b'din is-sistema jkollna iktar kontrol għal ilmenti u telefonati peress li jkollna ilmenti li il-pubbliku ma jaqbadx minħabba l-influs ta' telefonati li jidħlu, u *front office* mhux dejjem jkunu jistaw jirrispondu mil-ewwel minħabba li jkunu qed jaqdu lil-pubbliku.

Il-paġna ta' facebook Mosta Residents m'hijiex il-paġna tal-Kunsill, u għalkemm ir-residenti għandhom dritt jilmentaw impossibli nkunu parti min kull *medium* jew *social network*, u għalhekk irridu ninkuraġġaw lil-pubbliku biex juża il-paġna tal-Kunsill jew jibgħatu email biex nkunu nistaw nipruvaw naqdu lil kulħadd fl-iqsasr żmien possibli. Din is-sistema ħa ttina l-faċilita' li kull messaġġ li jidħol, min FB, website etċ, dawn awtomatikament ħa jidħlu fis-sistema bħala *ticket*, u b'hekk jkun hemm iktar kontrol u *history thread* f'ticket wieħed.
Bħala telefonati ħa jiġu risposti min fuq il-komputer, fejn is-sistema tikreja *ticket* ta' l-ilmenti, bookings, etċ. Kull telefonata tkun reġistrata, anke jekk min ċempel ma kellem lil ħadd jew qata'. Bħala *follow-ups* is-sistema stess tiġi ssetjata biex itella *reminder,* u qabel ma *ticket* ma jiġi mmarkat mgħaluq u/jew solvut, is-sistema tibqa ttellaw. Meta *ticket* jiġi mgħaluq u/jew solvut tinbgħat email lir-resident.
Din is-sistema tindika wkoll kemm il-telefonata ġiet risposta u mil-liema impjegat.

Is-Sindku nfurmat li dan is-*software* qed jintuża diġa mil-Kunsill tan-Naxxar, u l-prezz ta' din is-sistema huwa hekk:
- Prezz ta' 49 Ewro fix-xahar għal kull impjegat li juża s-sistema
- Prezz ta' 19 Ewro fix-xahar skont kemm jkun hemm *channels* (FB, telephone, website etċ) Dawn ir-rati huma bbażati fuq kuntratt ta' sena.

Is-Sindku nfurmat li hemm wkoll implementation fee li fl-opinjoni tagħħa hija għalja ta' bejn 5,000 u 7,000 Ewro, fejn dan il-prezz jkun abbażi ta' dak li niddeċċiedu nagħmlu, li jinkludi wkoll taħriġ għal-impjegati.

Il-membri preżenti unanimament qablu li nmorru għas-sistema bażika, ta' massimu ta' 7,000 Ewro biex tiġi installata s-sistema u jiġu mħarġien l-impjegati, 68 Ewro għal-kull impjegat li ser juża is-sistema, li qed jiġi deċiż li jkunu tnejn. Is-Sindku ħa titlob kwotazzjoni oħra, biex jkollna l-figuri eżatti.

3.3.14 – Kommunikazzjoni mis-Sindku – Skema 10/2019- Żvilupp ta' Libreriji Reġjonali

Is-Sindku nfurmat li fl-ewwel ġimgħa ta' Awissu ħa jitwaħħlu żewġ AC's fil-librerija.

3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.4.1 Indafa

Il-Kunsillier Howard irraporta abbuz ta' rimi ta' skart, u għaraf lil-Pulizija biex jmorru fuq il-post, fejn marru u sabu min kien qed iħammeġ, u ser jiġi mħarrek.
Talab wkoll li jkun hemm patrolling f'ċertu żoni pero' s'issa għada ma ġietx milqugħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li enforcement fuq dan it-tip jsir lil ERA, peress li l-Pulizija iktar jikkonċentraw fuq kriminal u każijiet iktar serji. L-ERA għanda *enforcement officers* apposta fejn jduru żoni li jiġu rrapurtati mil-Kunsill. Sfortunatament jsiru ħafna abbużi, u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil-Kunsillier Howard biex jindika dawn ż-żoni ta' abbużi biex jiġu rrapurtati.

### 3.4.2 Triq il-Pizzatur

Il-Kunsillier Deguara staqsa dwar tindif fi triq il-Piżatur peress li żona MIP. Is-Sindku nfurmat li tkelmet mal-Cleansing Department biex jgħinuna u kkonfermaw li din it-triq hija f'żona industrijali, sakemm niltaqaw mad-Direttur Generali u l-MIP biex tissolva l-issue tar-reponsabiltajiet ta' l-MIP.

### 3.4.3 Tintinnabru

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk irċevejniex risposta dwar it-tintinnabru. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li le.

### 3.4.4 Persuna li tnaddaf triq

Il-Kunsillier Deguara staqsa għalxiex twaqqaf persuna partikolari li jnaddaf triq min jgħaddu, għax kien qed jżomm triq partikolari nadifa.

Is-Segretarju Eżekuttiv, nfurmat li dan l-individwu ma ntalbax biex jieqaf mit-tindif li kien qed jgħamel volontarjament, imma wara li l-Kunsill irċeva xi ilmenti li qed jressaq il-boroż ta' l-iskart quddiem propretajiet oħra, intalab biex il-boroż ma jressaqhomx għax jieħu ħsieb il-kuntrattur. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li talbet li dan ir-resident laqgħa miegħu biex tispjegalu, pero' dan irrifjuta.

### 3.4.5 Laqgħa nformattiva ma Transport Malta

Il-Kunsillier Deguara nforma li attenda l-laqgħa nformattiva ma Transport Malta, fuq European Mobility Week, fejn ħa ssir *car free day* bejn is-16 u 22 ta' Settembru,u tajjeb li nkunu parti minnha. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li għamlet kuntatt biex ngħamlu laqgħa ma l-għaqda tar-roti biex nkunu parti min din l-inizjattiva, u ssir attivita bir-roti.

### 3.4.6 Laqgħa nformattiva ma Transport Malta

Il-Kunsillier Camilleri nforma li kelmuh sidien ta' *bars,* dwar il-permessi tal-festa u l-ħlas kumparat ma Kunsilli oħra. Is-Sindku nfurmat li ħa ssir laqgħa ma l-istabilimenti li applikaw għal-permessi tat-*tables and chairs* matul il-ġranet tal-festa, pero' dawn qed jitolbu laqgħa apparti. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ħlas huwa wieħed fiss skond ir-regoli ta' ħlas maħruġa.

Rigward applikanti ġodda dan jiddependi jekk hemx postijiet, u rridu naraw kif ser jingħata l-post. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil Kunsillier Camilleri, biex min jsaqsieħ kemm jiġu l-Kunsill, u jgħamlu t-talba.

### 3.4.7 Skip fi Triq Stivala

Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-iskip fi triq Stivala mhux vera tbattlet, fejn dan neħħa l-affarijiet ta'-wiċċ biss, u r-residenti xorta jgħaddu u jarmu. Il-Kunsillier Gatt nforma li din kienet tbatlet għax batlu resident, fejn l-iskip kellha permess imma inbgħat ma ġġediex mil-applikant. Il-Kunsllier Camilleri nforma li bil-liġi skip trid titbattal malli timtela.

### 3.4.8 Funtani

Il-Kunsillier Camilleri nforma li qiegħed f'kuntatt mal-MTIP li jieħdu ħsieb il-funtani, għax qed jistennew xi part biex jkunu jistaw jerġaw jitħaddmu l-funtani.

### 3.4.9 Ġieħ il-Mosta

Il-Kunsillier Micallef staqsa x'ser jkun il-rwol tal-bord fuq Ġieħ / Rikonoxximent Mosta. Is-Sindku nfurmat li l-bord ħa jkun qed jevalwa min għandu jingħata il-Mertu. Il-bord jgħamel l-ewwel evalwazzjoni, u fuq rakomandazzjoni tal-bord it-tieni evalwazzjoni ssir mil-membri tal-Kunsill.

### 3.4.10 Stop Sign

Il-Kunsillier Micallef qal li Triq Camillo Sciberras k/ma Triq Rużar Briffa, hemm bżonn li ssir stop sign.

Is-Segretarju Eżekuttiv reġet nfurmant lil membri preżenti biex affarijiet bħal-dawn li m'humiex rapporti u ma jirrikjedux deċizjoni tal-Kunsill ma jittellawx waqt laqgħa, imma jibgħatu email jew iċemplu biex l-istaff jmexxi mill-ewwel.

### 3.4.11 Numerar ta' Bibien

Il-Kunsilliera Rapa talbet biex tinbgħat email lid-*door numbering unit* biex jgħamlu ezerċizju ta' dawk it-toroq firl-Mosta li għat m'għandhomx numri mal-bibien. Il-Kunsilliera Rapa ħa tibgħat lista ta' toroq li hemm bżonn numerar ta' bibien.

### 3.4.12 Kotba Maltin

Il-Kunsilliera Rapa talbet jekk tistax issir lista ta' kotba ta' awturi Maltin li hemm fil-librerija, peress li reponsabbli mid-dekasteru ta' l-edukazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tista tibgħat email lil-librerija biex jtuwa l-lista.

### 3.4.13 Ground ta' l-Oratorju

Il-Kunsillier Camilleri nforma li ser jsir inawgurazzjoni tal-ground ta' l-Oratorju li sar mil-fondi tal-MFA. L-invit qed jsir bil-fomm, u l-inawgurazzjoni hija nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju fis 7:30 ta' filgħaxija.

### 3.4.14 Freezers

Il-Kunsillier Gatt saqsa jekk ħa jingħatawx permessi ta' *upright fridges* waqt iż-żmien tal-festi għax jistaw jkunu perikolużi. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-Pulizija dejjem joqgħodu għassa għax mhux permessi.

### 3.4.15 Skart mħallat

Il-Kunsillier Gatt staqsa kif bqajna mal-kuntrattur li qed jiġi rapurtat li qed jitħallat lis-skart. Is-Sindku nfurmat li ħa ssir laqgħa mal-kuntrattur, inkluz rapporti oħra li skart qed jinġabar qabel it-tmienja.

### 3.4.16 Bowser

Il-Kunsilliera Shirley Abela staqsiet jekk nistawx niprovdu bowser ta' l-ilma f'żona tal-housing ta' Mlit fejn hemm residenti qed jieħdu ħsieb xi fjuri f'roundabout. Is-segretarju Eżekuttiv infurmat li nistaw nipprovdu żewġ bowsers u l-kuntrattur ħa jiprovdi tnejn oħra għat tisqija.

### 3.4.17 Rampa

Il-Kunsilliera Shirley Abela talbet jekk tistax ssir rampa biex jitneħħew żewġ tarġiet f'żona tal-Housing. Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li affarijiet bħal dawn ma jistawx jsiru, mil-Kunsill,

imma mil-Housing jew is-sid tal-proprjeta. Is-Sindku nfurmat lil-Kunsilliera Shirley Abela biex tikkordina mal-Kunsilliera Rachel Abela peress li għanda kuntatt fuq affarijiet ta' Housing.

### 3.4.18 Festin

Il-Kunsilliera Rachel Abela nfurmat li nhar it-8 ta' Awwissu ħa ssir quddiesa fis-sala tal-komunita u wara festin żgħir bil-mużika għal anzjani biex tiġi ċelebrata il-festa ta' Santa Marija.
Il-biljetti ser ikunu bla ħlas jistgħu jinġabru mill-Kunsill kif wkoll mis-Sa. Abela.

### 3.4.19 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsilliera Rachel Abela nfurmat li l-ħarġa li jmiss ħa tkun fit-28 ta' Awwissu, u ser issir Palm Beach l-Armier.

### 3.4.20 Dekasteri

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-lista tad-Dekasteri daqt titella fuq FB u S-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex titella fuq il-website tal Kunsill.

### 3.4.21 Ħasil tal-Pjazza

Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex il-ħasil tal-Pjazza ma ssirx darbtejn fis-sena biss qabel u wara l-festa biss, imma jiżdiedu tnejn oħra, għal-Milied u l-Ġimgħa l-kbira.

### 3.4.22 Ġbir ta' skart

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-boroż is-suwed fi triq Nicolo' Isouard ma nġabrux kif wkoll fit-triq fejn jarma l-Monti, u għalhekk hemm bżonn jinġabru għada.

### 3.4.23 Disabled parking bay

Il-Kunsilliera Bonnici fakkret biex ma ninsewx nwaħħlu t-tabelli li d-*disabled parking bay* ħa tersaq fejn il-Banif minħabba n-nar ta' l-art.

### 3.4.24 Triq il-Paroċċa

Il-Kunsilliera Bonnici talbet f'isem ir-residenti ta' triq il-Paroċċa biex jsir laqgħa pubblika minħabba l-problema ta' vetturi li jidħlu, kif wkoll dwar il-parkeġġ.

### 3.4.25 Grupp Graffiti

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li persuna mil-grupp Graffiti avviċina biex jitħawlu madwar 30 u 100 siġra u arbuxell. Għalhekk ħa jiġu indikati postijiet fejn jistaw jiġu mħawla.

### 3.4.26 Water Points

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li bħalissa qed jitwaħħlu *water points* fejn tħallas xi ħaġa żgħira biex timla l-kontenitur b-ilma naturali jew bil-gas. Il-Kunsilliera Bonnici għamlet kuntatt mal-kumpanija li qed toffri dan is-servizz biex naraw x'nistaw ngħamlu ġewwa l-Mosta. Lokazzjoni tajba ħafna hija fejn il-*bus stop* tal-Pjazza.

Il-membri preżenti qablu, u l-Kunsilliera Bonnici ħa ġġib iktar dettalji.

## 3.5 Rapporti

### 3.5.1 Management Letter and Reply to Management

Is-Sur Galea spjega li wara li l-Kunsill ipreżenta l-Financial Statements 2018, ġew l-awdituri biex jgħamlu r-rapport tagħhom fejn imbagħad joħorġu l-kummenti tagħhom f'*management*

*letter* b'suġġerimenti. Il-Kunsill għandu sitt ġimgħat min mieta nirċievu l-*management letter* biex nirrispondu l-NAO, l-awdituri u DLG.

Fis-6:58pm saret sospensjoni tal-laqgħa peres li s-Sindku kella telefonata u l-Viċi Sindku kien għadu ma wasalx għal-laqgħa.

Fis-7:00pm daħal għal-laqgħa il-Viċi Sindku u tkompliet il-laqgħa.

- Chapter 1: l-awdituri jaraw l-*management letter* ta' 2018, u jaraw x'bidilna u l-Kunsill x'irranġa, u dak li-Kunsill ma bidilx jerġa jgħamel referenza għalija.

- Chapter 2 paġna 5: Is-Sur Galea spjega dak li l-Kunsill ma bidilx.
    - LES – Is-sistema tal-LES evolviet maż-żmien fejn il-Kunsilli l-ewwel kellhom is-sistemi tagħhom, imbgaħad kien hemm il-kumitat konġunt, imbagħad kien hemm is-sistema reġjonali, imbagħad illum għandna l-LESA. Kull ċitazzjoni li titħallas kellha trattament differenti minħabba il-bidliet fis-sistemi, u għalhekk id-diskrepanza ta' madwar 100 Ewro ta' sena. Dik id-diskrepanza hija għax il-Kunsill jaħdem b'*cash basis* fejn nkunu nafu l-ammonti kif nirċevuhom, u għalhekk jekk il-flus nkunu għadna ma rċevejnihomx mil-LESA ma jistawx jidaħħlu fis-sistema.

Fis-7:02pm daħlet lura għal-laqgħa s-Sindku.

- Income Receivable 2.2 – L-awdituri dejjem jissuġerulna biex ngħamlu sistema elettronika biex l-irċevuti joħorġu mis-sistema mhux manwali. Il-Kunsill juża din is-sistema għax il-flus kollha li jidħlu jiġu depożitati mill l-ewwel u fl-aħħar tax-xahar inqabblu l-*bank statements.*

- Other income short-comings – L-awdituri semmew xi differenza żgħira fuq xi 10% *administration fee*. Din tkun għax il-Kunsill jibgħat l-*invoices* fl-aħħar tax-xahar lil-LESA u lir-Reġjuni, skont is-sistema tal-LES.

- Reimbursements - L-awdituri semmew differenza ta' 118 Ewro. Din bażikament hija *timing difference* fejn jkunu daħlu fis-sistema tal-LESA imma l-Kunsill jkun għadu ma rċevhiex l-flus.

- Procurement Procedures: L-Awdituri jiċċekjaw wkoll jekk il-Kunsill jkunx qed jimxi mal-proċeduri tal-*procurement,* u ssuġerixxew fejn nistaw nimeljoraw, billi ikkumentaw li ma kienx hemm il-minuti. Dawn il-minuti fil-verita saru, u jista jkun ma sabuwhomx fil-*files* u għalhekk ħa jintbgħatu lil-Awdituri.
  Kien hemm wkoll xi *declaration of impartiality* li kienu għadhom ma ġewx iffirmati mil-bord ta' l-evalwazjoni.

- Approval of Payments – L-awdituri kul ma sabu huwa pagament wieħed tal-2018 lil-Planning Authority fejn ħareġ il-pagament qabel ma saret l-approvazzjoni tal-Kunsill. Imma f'dawn iċ-ċirkustanzi bil-fors jrid isir hekk minħabba proċeduri ta' *deadlines* ta' permessi.

- Inapropriate Documentation – L-awdituri jiċċekjaw il-*files* u sabu li hemm xi pagamenti b'irċevuti neqsin. Bħala Kunsill meta ma nirċevux l-irċevuti dovuti tintbgħat ittra uffiċjali mil-Kunsill, fejn jekk min tagħna servizz mhux ħa jtina rċevuta, jiġi rrapurtat lid-

Dipartiment tal-VAT, u ma nerġawx nużaw is-servizz tal-persuna/kumpanija/supplier. Aparti min hekk, ma kull Works Order u Purchase Order li toħroġ mil-Kunsill hemm mniżżel l-obbligazzjoni li trid tiġi provduta rċevuta.
L-accountant s-Sur Galea, nforma wkoll li hemm xi żewġ irċevuti li għandna, fejn qalu li ma kienx hemm fil-*files.* Dawn ħa jintbgħatu wkoll mar-riposta li l-Kunsill jagħmel mal-*management letter.*

- Fixed Assets Register – Qabel sa l'2017 id-*depreciation rate* kienet issir fuq *reducing balance method,* iġiefieri fuq il-prezz imnaqqas li jsir kull sena, bħala *depreciation.* B'din is-sistema il-Kunsilli kolla spiċċaw b'*fixed assets* li qatt ma spiċċa. Fl'2018 id-Dipartiment ħareġ direttiva fejn inbidel il-mod ta' kif jsir id-*depreciation,* u ssir *straight line method*, fejn il-valur ta' l-assi jinżel sakemm jiġi 0. Il-Kunsill għandu wkoll assikurazjoni, fejn skond il-valur ta' l-assi bid-*depreciation* nkunu irridu ninfurmaw l-assikurazjoni.

- Capital Commitments – Il-Kunsill is-sena l-oħra għal l-ewwel darba aprova proġetti kapitali ġodda, minħabba li kelna ordni mid-dipartiment tal-Gvern Lokali li sakem jinqata' d-*deficit* ma jsirux proġetti. L-Awdituri semmew li kien hemm diskrepanza ta' 15,000 Ewro, min l-ammont li kien oriġinarjament *budgeted,* u għalhekk importanti li nimxu id f'id, għalkemm jista jkun jinbidlu wkoll xi kwotazjonijiet, kif wkoll affarijiet oħra bħala ħsarat li l-Kunsill ma jkollux kontrol fuqhom.

- Capital & Revenue Expenditure – L-awdituri rrimarkaw li l-Microsoft Office, għandu jkun fixed asset, u fil-kas tagħna niżżilnieħ fil-kotba bħala *office stationery.*
Dawn huma ċirkustanzi fejn jinbidlu l-figuri ta' l-accounts.

- Assets not yet Capitalised – L-awdituri semmew il-proġett tal-PAMA, fejn għalkemm il-PAMA għadhom ma lestewx ix-xogħolijiet, liema *deadline* kienet Mejju 2019, hemm bżonn li jkollna BOQ's tx-xogħolijiet li saru s'issa mil-PAMA. Dawn iridu jidħlu fl-*accounts* tal-Kunsill.

- Trade Debtors – Il-Kunsill għandu jirċievi pagament min Transport Malta, li l-Kunsill għamel għal TM. Dan huwa ammont pendenti li għadu ma tħallasx lil-Kunsill. L-awdituri bgħatu lil TM pero' dawn ma irrispondewx.

- Cash & Cash Equivalent – Il-Kunsill ma jħallasx taxxa fuq l-accounts tal-Bank, u għalkemm aħna nfurmajna l-Bank biex ma titnaqqasx it-taxxa, dawn bi żball naqsu t-taxxa, u għalhekk ħa nerġaw ninfurmaw l-bank.

- Stale Cheques – Ċekkijiet tal-Bank ma jistawx jissarfu wara sitt xhur, u għalhekk hemm xi *refunds* fuq depożiti ta' garanziji li saru. Għalkemm nfurmajna biex jinġabar id-depożitu, dawn għadhom ma nġabrux.

- Other Creditors – Dawn huma relatati mal-famuz każ ta' ex Segretarju Eżekuttiv, fejn kien hemm każ il-qorti, għax kien hemm xi pagamenti li m'għaddewx il-Lands Department. Il-Każ nqata' u dawn baqaw fuq il-kotba bħala bilanċ.

Rigward *budget,* il-Kunsill jrid jagħti rendikont, ta' dawk l-*items* li nfaqna iktar min dak li kien *budgeted.*

Fis 7:48pm, Is-Sur Galea telaq mil-laqgħa wara li spiċċa jispjega l-Management Letter.

3.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

3.6.1 Skeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 93.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 9 ta' Lulju sat-22 ta' Lulju 2019.

3.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

3.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

3.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:27 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-21 ta' Awwissu 2019 fis-6:30p.m.

Konfermati llum 22 ta' Lulju 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |